

Għandi d-dritt noġġezzjona għall-ipproċessar tad-*data* tiegħi?

Int intitolat li toġġezzjona fi kwalunkwe mument, abbażi ta' **raġunijiet serji u leġittimi**, għall-ipproċessar tad-*data* li tikkonċernak.

Int intitolat ukoll li tiġi infurmat qabel ma d-*data* tiegħek tiġi żvelata għall-ewwel darba lil partijiet terzi jew qabel ma tintuża f'isimhom għall-finijiet ta' *marketing* dirett. Int intitolat li toġġezzjona għal tali żvelar jew użu.

X'nista' nagħmel fil-każ ta' problema?

- L-ewwel, kun żgur li teżerċita d-drittijiet tiegħek ma' l-istituzzjoni jew mal-korp tal-Komunità responsabbli mill-ipproċessar.
- Jekk ma tikseb l-ebda risposta jew jekk m'intix sodisfatt, ikkuntattja lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* ta' l-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat(a) (il-lista ta' Uffiċjali għall-Protezzjoni tad-*Data* tista' tinstab fil-*website* tal-Kontrollur Ewropew, ara hawn taħt).
- Tista' wkoll tressaq ilment quddiem il-Kontrollur Ewropew, li jeżamina t-talba tiegħek u jadotta l-miżuri meħtieġa.
- Jista' jsir appell kontra d-deċiżjonijiet tal-Kontrollur Ewropew quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

Għal aktar informazzjoni:

www.edps.eu.int

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

UFFIĊĊJI:

Rue Montoyer 63, is-6 sular
B – 1047 Bruxelles

INDIRIZZ POSTALI:

Rue Wiertz 60, MO 63
B – 1047 Bruxelles

E- MAIL: edps@edps.eu.int

Tel: (32-2)-283 19 00

Fax: (32-2)-283 19 50



**Il-Kontrollur Ewropew
għall-Protezzjoni tad-*Data***

**Gwida għall-protezz-
joni ta' *data*
personali fl-istituzz-
jonijiet u l-korpi
tal-Komunità**

*Kull istituzzjoni tipproċessa
data personali;
din tista' tkun tiegħek...*



01-64-05-216-MT-D

KLIEM ESSENZJALI

• **Data personali**

Kwalunkwe informazzjoni relatata ma' persuna, identifikata jew identifikabbli direttament jew indirettament, b'mod partikolari permezz ta' referenza għal numru ta' identifikazzjoni. Din l-informazzjoni tista', per eżempju, tkun l-isem, id-data tat-twelid, numru tat-telefon, informazzjoni bijometrika, informazzjoni medika, dettalji professjonali, eċċ.

• **Ipproċessar**

Kwalunkwe operazzjoni mwettqa fuq din id-*data* personali, permezz ta' mezzi awtomatiċi jew le: il-għbir, ir-reġistrazzjoni, il-bdil, il-konsultazzjoni, l-iżvelar, eċċ.

• **Kontrollur**

L-istituzzjoni jew il-korp tal-Komunità (per eżempju, il-Kummissjoni, il-Parlament, il-Kunsill jew aġenzija), jew id-Direttorat Ġenerali, l-unità jew kwalunkwe entità organizzattiva oħra li taġixxi f'isimhom, li tiddetermina/ jiddetermina l-għanijiet u l-mezzi ta' l-ipproċessar ta' *data*.

Regolament (KE) Nru. 45/2001

Ir-Regolament (KE) 45/2001 (ĠU L 8, tat-12.1.2001) jimplimenta l-Artikolu 286 tat-Trattat tal-KE billi jipprovdi qafas legali għall-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità.

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-Kontrollur Ewropew huwa awtorità indipendenti ta' sorveljanza responsabbli għall-monitoraġġ u l-assigurazzjoni ta' l-applikazzjoni tar-Regolament Nru. 45/2001 u ta' kwalunkwe att ieħor tal-Komunità relatat mal-protezzjoni ta' *data* personali.

Hu jagħti parir lill-Istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità, kif ukoll lis-suġġetti tad-*data*, dwar kwalunkwe kwistjoni relatata ma' l-ipproċessar ta' *data* personali.

L-Uffiċjali tal-Protezzjoni tad-*Data*

Ir-Regolament Nru. 45/2001 jistabbilixxi li għandu jkun hemm Uffiċjali għall-Protezzjoni tad-*Data* f'kull istituzzjoni jew korp tal-Komunità. Dawn l-Uffiċjali għall-Protezzjoni tad-*Data* jiżguraw l-applikazzjoni tar-Regolament u li d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data* probabbilment ma jiġux affettwati ħażin mill-operazzjonijiet ta' upproċessar.

ID-DRITTIJET TIEGĦEK

Jien intitolat li nkun naf jekk istituzzjoni jew korp tal-Komunità hix/hux t/jipproċessa *data* li tikkonċernani?

Iva. Il-kontrollur irid jipprovdi lis-suġġetti tad-*data*, minn qabel jew malli d-*data* tkun ġiet irreġistrata, b'informazzjoni bħal din li ġejja, b'mod partikolari:

- l-identità tal-kontrollur,
- l-iskop ta' l-ipproċessar,
- id-destinatarji tad-*data*,
- id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*.

Jien intitolat nivverifika d-*data* relatata miegħi li l-istituzzjonijiet qegħdin jipproċessaw?

Inti għandek id-dritt tikseb dan li ġej mingħajr ħlas mill-kontrollur:

- **aċċess** għad-*data* personali tiegħek u għal ċerta informazzjoni li tikkonċerna l-ipproċessar,
- **ir-rettifika ta' *data*** mhux preċiża jew mhux kompluta,
- **l-imblokkar** ta' *data* meta l-preċiżjoni tagħha hija kontestata,
- **it-tħassir** tad-*data* fejn l-ipproċessar ta' din huwa kontra l-liġi,
- **in-notifika** ta' kwalunkwe tneħħija, rettifika jew imblokkar tad-*data* tiegħek lil parti terza li lilha ġiet żvelata d-*data*.